MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1854/2000/1

**Christopher Borg**

***Versus***

**James Eddleston u b'dikriet tad-19 ta' Diċembru 2000 *Atlas Insurance Agency Ltd* u dawn bħala aġenti ta' *AXA Insurance p.l.c.* kif surrogati bil-liġi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħhom James Eddleston intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis*; u b'nota ta' l-20 ta' Mejju 2004 *Atlas Insurance Ltd* assumiet l-atti tal-kawża minflok *Atlas Insurance Agency Ltd nomine***

Din il-kawża hija dwar inċident tat-triq li seħħ fi Triq San Pawl, in-Naxxar fil-5 ta' Mejju 1999. Il-kawża nstemgħet flimkien ma' kawża oħra fl-ismijiet **Thomas Borg *versus* James Eddleston *et*** (ċitazzjoni numru 1855/2000) magħmula mis-sid tal-karrozza li kienet misjuqa mill-attur

tallum kontra l-istess attur u kontra s-sewwiq tal-karrozza l-oħra, li huwa wkoll konvenut fil-kawża tallum. F’sentenza mogħtija fil-kawża tallum fis-17 ta’ Jannar 2006, fejn huma miġjuba t-talbiet ta’ l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, il-qorti kienet sabet illi l-ħtija bejn il-partijiet fil-kawża tallum għandha tinqasam hekk: għaxra fil-mija (10%) fuq l-attur, u tmenin fil-mija (80%) fuq il-konvenut. Din il-kawża tallum hija dwar it-talbiet għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni u l-ispejjeż.

Bħala *damnum emergens* l-attur qiegħed jitlob ħamsa u erbgħin lira (Lm45) spejjeż mediċi, ħamsa u ħamsin lira u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm55.45) valur ta’ ħwejjeġ ta’ lbies li nqerdu fl-inċident, u ħames mija u tnejn u sebgħin lira (Lm572) spejjeż ta’ kors ta’ *underwater instructor* li saru għalxejn għax minħabba l-inċident l-attur ma setax itemm il-kors. Dawn l-ispejjeż, li b’kollox jiġu sitt mija u tnejn u sebgħin lira u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm672.45), ma ġewx kontestati u l-qorti għalhekk tapprovahom.

Għall-għanijiet ta’ *lucrum cessans*, billi l-attur kellu sitta u għoxrin (26) sena meta seħħ l-inċident, ikun xieraq *multiplier* ta’ tletin (30) sena.

Meta tqis illi l-attur kien relativament żagħżugħ meta korra, u għalhekk kellu potenzjal illi jkompli jtejjeb il-qagħda tiegħu billi jsib xogħol illi jħalli aktar qligħ, il-qorti hija tal-fehma illi l-kalkolu tal-qligħ medju għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tat-telf ta’ qligħ ma għandux ikun marbut bilfors mal-qligħ li kellu dak iż-żmien ta’ l-inċident. Wara li qieset it-tul tal-*multiplier*, il-qorti hija tal-fehma illi dħul medju ta’ tmint elef lira (Lm8,000) fis-sena jkun wieħed xieraq għall-għanijiet tal-likwidazzjoni.

L-espert mediku maħtur mill-qorti, fir-rapport tiegħu maħluf fl-atti taċ-ċitazzjoni nru 1855/2000, sab illi l-attur ġarrab debilità li ma jfieqx minnha ta’ wieħed u għoxrin fil-mija (21%).

Il-qligħ mitluf għalhekk jiġi Lm8,000 *p.a.*× 30 sena × 21% = Lm50,400 (ħamsin elf u erba’ mitt lira). Meta tqis illi l-inċident seħħ sitt snin ilu u għalhekk l-attur sejjer idaħħal bil-quddiem il-qligħ ta’ erbgħa u għoxrin sena, huwa xieraq illi jsir tnaqqis ta’ tnax fil-mija (12%). Il-qorti għalhekk tillikwida l-*lucrum cessans* fis-somma ta’ erbgħa u erbgħin elf, tliet mija u tnejn u ħamsin lira (Lm44,352).

Id-danni b'kollox, *lucrum cessans* u *damnum emergens*, jiġu ħamsa u erbgħin elf u erbgħa u għoxrin lira u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm45,024.45). Il-konvenut iwieġeb għal tmenin fil-mija (80%), jew sitta u tletin elf u dsatax-il lira u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm36,019.56).
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tillikwida d-danni li għandu jagħmel tajjeb għalihom il-konvenut fis-somma ta' sitta u tletin elf u dsatax-il lira u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm36,019.56), u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati. L-ispejjeż tal-kawża jinqasmu hekk: l-attur iħallas għoxrin fil-mija (20%) u l-konvenut iħallas tmenin fil-mija (80%). Is-soċjetà intervenuta fil-kawża tħallas l-ispejjeż tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------